22001D0035

DEĊIŻJONI TAL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE

Nru 35/2001

tat-30 ta' Marzu 2001

li temenda l-Anness 1 (Kwistjoni veterinarji u fitosanitarja) tal-Ftehim taż-ŻEE

IL-KUMITAT KONĠUNT TAŻ-ŻEE,

Wara li kkunsidra l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, kif emendata mill-Protokoll li jirranġa l-Ftehim taż-Żona Ekonomika Ewropea, hawnhekk iżjed il-quddiem msejjaħ "Il-Ftehim", u b'mod partikolari l-Artikolu 98 tiegħu,

Billi:

(1) L-Anness I tal-Ftehim kien emendat permezz tad-Deċiżjoni tal-Kumitat Konġunt taż-ŻEE Nru. 189/1999 tas-17 ta' Diċembru 1999 ([1]).

(2) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/399/KE tat-2 ta' Ġunju 1999 li temenda d-Deċiżjonijiet 93/24/KEE u 93/244/KEE u dwar garanti addizzjonali li għandhom x'jaqsmu l-marda ta' Aujeszky tal-ħnieżer li huwa destinati għat-territorju ta' Lussemburgu ([2]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/579/KE tat-28 ta' Lulju 1999 li temenda d-Deċiżjonijiet 93/42/KEE u 95/109/KE li tikkonċerna garanziji addizzjonali li jirrgwardaw l-bovini infettati bir-rinotraketi l-bovini destinati għal ċerti partijiet fit-territorju tal-Komunità, u id-Deċiżjoni 97/250/KE ([3]) li thassar għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(4) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/159/KE tat-8 ta' Frar 2000 fuq il-kunsens proviżorju tal-pjanijiet li jifdal tal-pajjiżi terzi skond Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE ([4]) għandha tiġi inkorporata fil-Ftehim.

(5) Din id-Deċiżjoni ma għandiex tapplika għal-Islanda u Liechtenstein,

IDDEĊIEDA DAN LI ĠEJ:

Artikolu 1

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 9 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/24/KEE) u fil-punt 19 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/244/KEE) fil-Parti 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"– **399 D 0399**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/399/KE tat-2 ta' Ġunju 1999 (ĠU L 150, tas-17.6.1999, p. 32)."

Artikolu 2

L-inċiż li ġej għandu jiżdied fil-punt 12 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 93/42/KEE) u fil-punt 27 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 95/109/KE) fil-Parti 4.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

([1]) ĠU L 74, tal-15.3.2001 p. 24.
([2]) ĠU L 150, tas-17.6.1999, p. 32.
([3]) ĠU L 219, tad-19.8.1999, p. 53.
([4]) ĠU L 51, ta' l-24.2.2000, p. 30.

"– **399 D 0579**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 1999/579/KE tat-28 ta' Lulju 1999 (ĠU L 219, tad-19.8.1999, p. 53)."

Artikolu 3

It-test tal-punt 42 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/250/KE) fil-Parti 4.2 taħt l-intestatura "Atti liema l-Istati ta' l-EFTA u l-awtoritá tas-sorveljanza tal-EFTA għandhom jieħdu kont tagħhom" għandu jiġi mħassar.

Artikolu 4

Il-punt li ġej għandu jiġi inkluż wara l-punt 14 (Deċiżjoni tal-Kummissjoni 98/179/KE) fil-Parti 7.2 tal-Kapitolu I ta' l-Anness I tal-Ftehim:

"16. **32000 D 0159**: Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2000/159/KE tat-8 ta' Frar 2000 dwar l-approvazzjoni proviżorja tal-pjanijiet li jifdal tal-pajjiżi terzi skond id-Direttiva tal-Kunsill 96/23/KE (ĠU L 51, ta' l-24.2.2000, p. 30)."

Artikolu 5

It-testi tad-Deċiżjonijiet tal-Kummissjoni 1999/399/KE, 1999/579/KE u 2000/159/KE fil-lingwa Norveġiża, li se jiġu ppublikati fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*, għandhom ikun awtentiċi.

Artikolu 6

Din id-Deċiżjoni għandha tidħol fis-seħħ nhar il-31 ta' Marzu 2001, sakemm in-notifiki kollha taħt l-Artikolu 103(1) tal-Ftehim ikunu saru lill-Kumitat Konġunt taż-ŻEE (*).

Artikolu 7

Din id-Deċiżjoni għandha tkun ippublikata fit-Taqsima taż-ŻEE u fis-Suppliment taż-ŻEE għall-*Ġurnal Uffiċjali tal-Komunitajiet Ewropej*.

Magħmul fi Brussel, 30 ta' Marzu 2001.

Għall-Kumitat Konġunt taż-ŻEE

Il-President

P. WESTERLUND

(*) Ebda rekwiziti kostituzjonali ma gew indikati.